SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Jannar 2017 *

"Appell — Akkordji — Suq tal-Belġju, tal-Ġermanja, ta' Franza, tal-Italja, tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Awstrija tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Koordinazzjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Regolament (KE) Nru 1/2003 — Artikolu 23(2) — Limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ — Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tas-sena 2006 — Prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività — Eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha — Tul eċċessiv tal-proċedura"

Fil-Kawża C-604/13 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fil-25 ta' Novembru 2013,

Aloys F. Dornbracht GmbH & Co. KG, stabbilita f'Iserlohn (il-Ġermanja), irrappreżentata minn H. Janssen u T. Kapp, avukati,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn F. Castillo de la Torre u L. Malferrari, bħala aġenti, assistiti minn A. Böhlke, avukat, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

intervenjent fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, M. Berger, E. Levits, S. Rodin (Relatur) u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Settembru 2015,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Aloys F. Dornbracht GmbH & Co. KG SpA titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Settembru 2013, Dornbracht vs Il-Kummissjoni (T-386/10, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2013:450), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39092 – Installazzjonijiet sanitarji għal kmamar tal-banju) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") fejn din tirrigwardaha, jew sussidjarjament, għat-tħassir jew għat-tnaqqis tal-multa imposta f'din id-deċiżjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 1/2003

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU 2003, L 1, p. 1), jipprevedi, fl-Artikolu 23(2) u (3) tiegħu:

"2. Il-Kummissjoni tista' b'deċiżjoni timponi multi fuq l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża meta, jew b'intenżjoni jew b'negligenza:

a) jiksru l-Artikolu [101] jew [102 TFUE] [...]

[...]

Għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' l-impriża li qed jipparteċipaw fil-ksur, il-multi mhux ser jaqbżu l-10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ fis-sena kmmerċjali preċedenti.

[...]

3. Fid[-determinazzjoni] ta' l-ammont li jrid jiġi mmultat, rigward irrid jingħata lejn il-gravità u it-tul tal-ksur."

Linji ta' Gwida tal-2006

3 Il-Linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Linji gwida tal-2006") jindikaw, fil-punt 2 tagħhom li, f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-multi, "il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni t-tul u l-gravità tal-ksur" u li "l-multa imposta ma għandhiex teċċedi l-limiti indikati fit-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 23(2) tar-[Regolament Nru 1/2003]".

4 Il-punti 19, 21, 23 u 37 tal-Linji gwida tal-2006 jistabbilixxu

"19. L-ammont bażiku tal-multa huwa relatat ma' proporzjon tal-valur tal-bejgħ iddeterminat skont il-grad tal-gravità tal-ksur, immultiplikat bin-numru ta' snin tal-ksur.

[...]

21. Bħala regola ġenerali, il-proporzjon tal-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għandu jiġi ffissat għal livell li jista' jmur sa 30 %

[...]

23. Il-ftehim orizzontali dwar iffissar tal-prezz, [...], li huma ġeneralment sigrieti, jgħoddu, min-natura tagħhom stess, fost ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni l-iktar gravi. Skont il-politika tal-kompetizzjoni, dawn għandhom jiġu ssanzjonati b'mod sever. Konsegwentement, il-proporzjon tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għal tali ksur għandu jitqies li jinsab 'il fuq fl-iskala.

[...]

37. Għalkemm dawn il-linji gwida jispjegaw il-metodoloġija ġenerali għall-iffissar tal-multi, il-partikolarijiet ta' kawża partikolari jew il-ħtieġa li jintlaħaq livell disważiv f'każ partikolari jistgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni ma timxix ma' din il-metodoloġija jew il-limiti stabbiliti fil-punt 21."

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

5 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti fil-punti 1 sa 29 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

6 Ir-rikorrenti hija kumpannija li ġiet stabbilita skont id-dritt Ġermaniż li timmanifattura, b'mod partikolari, viti u fittings.

7 Fil-15 ta' Lulju 2004, Masco Corp. U s-sussidjarji tagħha, fosthom Hansgrohe AG, li timmanifattura viti u fittings, u Hüppe GmbH li timmanifattura diviżorji tad-doċċa, ir-rikorrenti informaw lill-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' akkordju fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju u talbu sabiex jibbenefikaw mill-immunità minn multi skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' akkordji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155, iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni tal-2002 dwar il-kooperazzjoni") jew, fin-nuqqas ta' dan, minn tnaqqis tal-ammont tagħhom.

8 Fid-9 u fl-10 ta' Novembru 2004, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet mingħajr preavviż fl-istabbilimenti ta' diversi kumpanniji u assoċjazzjonijiet nazzjonali professjonali li joperaw fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju. Wara li indirizzat, bejn il-15 ta' Novembru 2005 u s-16 ta' Mejju 2006, talbiet għall-informazzjoni lill-imsemmija kumpaniji u assoċjazzjonijiet, inkluża r-rikorrenti, fis-26 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni adottat avviż tal-ilmenti. Dan tal-aħħar ġie b'mod partikolari nnotifikat lir-rikorrenti.

9 Wara seduta li nżammet bejn it-12 u l-14 ta' Novembru 2007, intbagħtet ittra fid-9 ta' Lulju 2009 fejn spjegat il-fatti u, sussegwentement, ta' talbiet ta' informazzjoni supplimentari indirizzati b'mod partikolari lir-rikorrenti, fit-23 ta' Ġunju 2010 il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3) fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju. Dan il-ksur, li fih ħadu sehem 17-il impriża, allegatament seħħ matul diversi perijodi bejn is-16 ta' Ottubru 1992 u d-9 ta' Novembru 2004 u kien ħa l-forma ta' numru ta' ftehimiet antikompetittivi jew ta' prattiki miftiehma li jkopru t-territorju tal-Belġju, tal-Ġermanja, ta' Franza, tal-Italja, tal-Pajjiżi l-Baxxi u tal-Awstrija. Il-prodotti kkonċernati mill-akkordju huma l-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju li jappartjenu għal wieħed mis-sottogruppi ta' prodotti li ġejjin, jiġifieri l-viti u fittings, diviżorji tad-doċċa u l-aċċessorji tagħhom kif ukoll oġġetti taċ-ċeramika.

10 Fir-rigward, b'mod iktar preċiż, tar-rikorrenti li timmanifattura prodotti li jaqgħu taħt l-ewwel mit-tliet sottogruppi ta' prodotti, il-Kummissjoni kkonstatat, fl-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ksur kien jikkonsisti fil-parteċipazzjoni, ta' bejn is-6 ta' Marzu 1998 sad-9 ta' Novembru 2004, fi ftehim kontinwu jew fi prattiki miftiehma fis-settur tal-installazzjonijiet ta' tagħmir għall-kmamar tal-banju fil-Ġermanja u fl-Awstrija.

11 Għal din ir-raġuni, fl-Artikolu 2(6) tad-deċiżjoni kkontestata il-Kummissjoni imponiet, multa fl-ammont ta' EUR 12 517 671 fuq ir-rikorrenti.

12 Għall-finijiet tal-kalkolu ta' din il-multa, il-Kummissjoni bbażat ruħha il-Linji gwida tal-2006, b'mod partikolari, fuq il-punti 20 sa 24 tagħhom.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

13 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Settembru 2010, Aloys F. Dornbracht ressqet kawża għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali u invokat tmien motivi.

14 L-ewwel motiv kien ibbażat fuq żball ta' evalwazzjoni, imwettaq mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, matul il-konstatazzjoni tal-ksur allegat u tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha, it-tieni, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 23(3) ta' dan ir-regolament, li jirriżulta minn applikazzjoni żbaljata tal-limitu massimu ta' 10 % imsemmi fl-Artikolu 23(2), tal-imsemmi regolament, it-tielet, ibbażat fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tan-natura individwali tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur ikkonstatat, bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, ir-raba', ibbażat fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' deċiżjonijiet oħra meħuda preċedentement mill-Kummissjoni, bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-ħames, tal-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kapaċitajiet ekonomiċi limitati tar-rikorrenti, bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, is-sitt, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nonretroattività li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Linji gwida tal-2006, is-seba', ibbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 23(3) tal-istess regolament jikser il-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni u t-tmien, huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Linji gwida tal-2006, billi dawn jagħtu lill-Kummissjoni setgħa diskrezzjonali wiesgħa wisq.

15 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16 L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonċernaha;

— sussidjarjament, tnaqqas b'mod xieraq l-ammont tal-multa imposta fuqha fid-deċiżjoni kkontestata, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

18 L-appellanti tqajjem sitt aggravji insostenn tal-appell tagħha L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq ksur kemm tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll tal-prinċipji ta' legalità tar-reati u tal-pieni, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità li jirriżultaw mill-applikazzjoni żbaljata tal-limitu massimu previst fl-Artikolu 23(2), ta' dan ir-regolament. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti tikkritika s-sentenza appellata billi l-Qorti Ġenerali ċaħdet, b'mod żbaljat, l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Linji gwida tal-2006. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma ssanzjonatx il-ksur mill-Kummissjoni tal-punt 37 tal-Linji gwida tal-2006. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanti tinvoka ksur tal-prinċipju ta' nonretroattività li jirriżulta mill-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Linji gwida tal-2006. Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi mwettqa matul il-kalkolu tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha. Fl-aħħar nett, is-sitt aggravju huwa bbażat fuq ksur il-prinċipju ta' tul raġonevoli tal-proċedura.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-limitu ta' 10 % previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003

L-argumenti tal-partijiet

19 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, dirett kontra l-punti 213 sa 227 tas-sentenza appellata, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll il-prinċipji ta' legalità tar-reati u tal-pieni, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità, billi kkunsidrat li l-limitu ta' 10 % previst fl-Artikolu 23(2) ta' dan ir-regolament jimponi limitu massimu li japplika biss għal ammont finali tal-multa, b'hekk jiċħad l-illegalità tal-iffissar tal-ammont tal-multa imposta f'dan il-każ mill-Kummissjoni u qegħdet lilha nfisha fl-impossibbiltà li tnaqqasha. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni twassal, fi kważi l-każijiet kollha, għal multa ta' ammont li jikkorrispondi għal 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali tal-impriża kkonċernata ġiet imposta, indipendentement mill-gravità u t0tul tal-ksur inkwistjoni.

20 B'riferiment, b'mod partikolari, għal deċiżjoni tal-Kartellsenat du Bundesgerichtshof (Awla' kompetenti fil-qasam tal-akkordji tal-qorti tal-ġustizzja federali, il-Ġermanja), l-appellanti ssostni li l-limitu ta' 10 % previst fl-Artikolu 23(2) tal-imsemmi regolament ma jimponix tali limitu massimu, iżda jiffissa l-livell superjuri tal-iskala tal-multi imposti li għandu jiġi applikat biss għal ksur l-iktar gravi. Tali approċċ jippermetti teħid inkunsiderazzjoni tal-gravità u tat-tul tal-ksur kif inhu previst fl-Artikolu 23(3) tal-istess regolament.

21 Skont il-Kummissjoni, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

22 Sa fejn, minn naħa, permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tikkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 billi kkunsidrat li dan jimponi limitu massimu, għandu jiġi kkonstatat li, mingħajr ma jiġi adottat tali aggravju, il-Qorti Ġenerali rrilevat ġustament fil-punt 216 tas-sentenza appellata, li jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li huwa biss l-ammont finali tal-multa imposta li għandu josserva l-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ imsemmi minn din id-dispożizzjoni u li din tal-aħħar ma tipprojbixxix lill-Kummissjoni sabiex jinkiseb, matul l-istadji differenti tal-kalkoli tal-multa, ammont intermedju għola minn dan il-limitu, sakemm l-ammont finali tal-multa ma

jeċċedix l-imsemmi limitu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 277 u 278; td-29 ta' Ġunju 2006, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-308/04 P, EU:C:2006:433, punt 82, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Cetarsa vs Il-Kummissjoni, C-181/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:455, punt 80).

23 Minn naħa l-oħra, fir-rigward tal-ilmenti bbażati fuq il-ksur tal-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003 u, għaldaqstant, tal-prinċipji ta' legalità tar-reati u tal-pieni, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità minħabba l-fatt li din ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod xieraq il-gravità u t-tul tal-ksur, għandu jitfakkar li jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-fatt li, minħabba l-applikazzjoni tal-limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2), ta' dan ir-regolament, ċerti fatturi bħall-gravità u t-tul tal-ksur ma humiex riflessi b'mod effettiv fl-ammont tal-multa imposta, huwa biss sempliċi konsegwenza tal-applikazzjoni ta' dan il-limitu għall-imsemmi ammont finali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 279, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Cetarsa vs Il-Kummissjoni, C-181/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:455, punt 81).

24 Fil-fatt, l-imsemmi l-ogħla limitu huwa intiż sabiex jevita li jiġu imposti multi meta jkun prevedibbli li l-impriżi, minħabba d-daqs tagħhom, kif iddeterminat mill-fatturat globali tagħhom, għalkemm b'mod approssimattiv u imperfett, ma jkunux f'pożizzjoni li jħallsuhom (is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 280, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Cetarsa vs Il-Kummissjoni, C-181/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:455, punt 82).

25 Għaldaqstant, dan jikkonsisti f'limitu, applikabbli b'mod uniformi għall-impriżi kollha u fformulat skont id-daqs ta' kull waħda minnhom, li għandu l-għan li jevita multi ta' livell eċċessiv u sproporzjonat Għaldaqstant dan il-limitu massimu għandu għan distint u awtonomu meta mqabbel ma' dak tal-kriterji tal-gravità u tad-dewmien tal-ksur (is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 281 u 282, kif ukoll tat-12 ta' Lulju 2012, Cetarsa vs Il-Kummissjoni, C-181/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:455, punt 83).

26 Minn dan isegwi li l-argumenti bbażati fuq t-teħid inkunsiderazzjoni insuffiċjenti tal-gravità u tat-tul tal-ksur dovut għan-nuqqas tal-applikazzjoni tal-limitu massimu previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, għandhom jiġu miċħuda.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Linji gwida tal-2006

L-argumenti tal-partijiet

28 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003 meta ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni ta' illegalità tal-Linji gwida tal-2006 ibbażata fuq il-fatt li dawn ma jieħdux inkunsiderazzjoni l-kriterji ta' tul u ta' gravità tal-ksur imwettaq mill-impriżi "prodott wieħed".

29 F'dan ir-rigward, b'riferiment għall-argumenti esposti fir-rikors fl-ewwel istanza, l-appellanti ssostni li l-Linji gwida tal-2006 huma illegali minħabba l-fatt li jiksru l-prinċipji ta' legalità u ta' ċertezza legali u li, fi kwalunkwe każ, ma jipprevedu ebda dispożizzjoni partikolari dwar l-impriżi "prodott wieħed".

30 L-appellanti tosserva li, kuntrarjament għal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti b'applikazzjoni tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u tal-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171, iktar 'il quddiem il-"Linji gwida tal-1998"), dawk tal-2006 iwasslu, bħala regola ġenerali, għal li jinqabeż il-limitu ta' 10 %, b'mod partikolari għall-impriżi "prodott wieħed" mhux iddiversifikati. L-applikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu tal-multi deskritt fil-Linji gwida tal-2006 iwassal għal fatt li l-kriterji ta' tul u ta' gravità tal-ksur imwettaq minn dawn l-impriżi, li jirreferi għalihom l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, ma humiex, għaldaqstant meħuda inkunsiderazzjoni b'mod adegwat. L-għoti kważi sistematiku ta' sanzjonijiet ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ jikser ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

31 Skont il-Kummissjoni, għandu jiġi miċħud it-tieni aggravju bħala inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

32 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kkontestati tas-sentenza jew tad-digriet li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħha kif ukoll l-argumenti legali mqajma speċifikament insostenn ta' din it-talba Dan ir-rekwiżit ta' motivazzjoni li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunx sodisfatt minn appell li, mingħajr ma jinkludi argument li speċifikament jidentifika l-iżball ta' liġi li jivvizzja, is-sentenza appellata, sempliċement jirrepeti jew jirriproduċi kelma b'kelma l-motivi u l-argumenti li jkunu diġà tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk li kienu bbażati fuq fatti espressament respinti minn din il-Qorti. Fil-fatt, tali appell jikkostitwixxi fil-verità talba intiża sabiex jinkiseb sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, liema eżami ma jaqax fil-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 2005, Eurocermex vs UASI, C-286/04 P, EU:C:2005:422, punti 49 u 50, kif ukoll tat-12 ta' Settembru 2006, Reynolds Tobacco *et* vs Il-Kummissjoni, C-131/03 P, EU:C:2006:541, punti 49 u 50).

33 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni aggravju mqajjem mill-appellanti, fejn qed jiġi ilmentat li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Linji gwida tal-2006, kull ma qed jagħmel huwa li jirrepeti l-argumenti diġà invokati fl-ewwel istanza.

34 Konsegwentement, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq it-tielet aggravju, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni, fl-iffissar tas-somom f'daqqa, ma ħaditx inkunsiderazzjoni tal-parteċipazzjoni individwali tal-appellanti, bi ksur bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

35 Permezz tat-tielet aggravju mqajjem insostenn tal-appella tagħha, l-appellanti tilmenta li l-Qorti Ġenerali, essenzjalment, wettqet żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-eżami tagħha tal-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni, fl-iffissar tal-multi deskritti fil-punt 37 tal-Linji gwida tal-2006.

36 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti, permezz ta' dan l-aggravju, ma tidentifikax il-punti tas-sentenza appellata li huma vvizzjati b'dan l-iżball.

37 Konsegwentement, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 32 ta' din is-sentenza, dan l-aggravju għandu wkoll jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nonretroattività

L-argumenti tal-partijiet

38 Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta li l-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fil-punti 87 u 90 tas-sentenza appellata, kisret il-prinċipju ta' nonretroattività billi kkunsidrat li l-kalkolu tal-multa mill-Kummissjoni permezz tal-Linji gwida tal-2006 kien legali filwaqt li l-ksur ikkritikat ġie mwettaq taħt il-Linji gwida tal-1998.

39 F'dan ir-rigward, l-appellanti tenfasizza li, ċertament, fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 231), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' nonretroattività, tikkalkola l-ammont tal-multa abbażi tal-Linji gwida tal-1998, anki jekk dawn ġew adottati wara t-twettiq tal-ksur inkwistjoni f'din il-kawża, peress li l-imsemmija linji gwida u l-metodu l-ġdid ta' kalkolu li huma jinvolvu kienu raġonevolment prevedibbli fil-mument ta' dan it-twettiq. Madankollu, skont l-appellanti, fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, ma kienu jeżistu, fil-mument meta twettaq il-ksur, ebda linji gwida, b'tali mod li l-kwistjoni li qamet kienet dik ta' jekk l-multa kellha jew ma kellhiex, tiġi kkalkolata abbażi ta' linji gwida ġodda adottati għall-ewwel darba mill-Kummissjoni fl-1998. Jew kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali qieset fis-sentenza appellata, din is-sitwazzjoni għandha tiġi distinta minn dik li fiha l-linji gwida kienu applikabbli fil-mument meta twettaq il-ksur iżda ġew issostitwiti jew emendati minn linji gwida ġodda wara dan it-twettiq. F'din l-aħħar sitwazzjoni tqum il-kwistjoni ta' liema linji gwida, jiġifieri l-qodma jew il-ġodda, għandhom jiġu applikati sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa. L-applikazzjoni mill-Qorti Ġenerali tas-soluzzjoni użata fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408), din it-tieni sitwazzjoni, tmur kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

40 Fi kwalunkwe każ, jekk il-linji gwida jistgħu jinbidlu fi kwalunkwe ħin b'effett retroattiv, kif qieset il-Qorti Ġenerali, dawn ma jistgħux jissodisfaw il-funzjoni ta' ċertezza legali tal-impriżi li hija devoluta lilhom skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

41 Il-Kummissjoni tiddeċiedi li tiċħad ir-raba' motiv. Hija ssostni, b'mod partikolari, li l-applikazzjoni effikaċi tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni teżiġi li din l-istituzzjoni tista', fi kwalunkwe mument tadatta l-livell ta' multi skont il-bżonnijiet ta' din il-politika.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

42 Għandu jiġi rrilevat li jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li l-applikazzjoni, għall-kalkolu tal-multi imposti għal-ksur fil-qasam tal-kompetizzjoni, tal-linji gwida ġodda, bħal dawk tal-2006, u b'mod partikolari ta' metodu ġdid ta' kalkolu tal-ammont tal-multa li huma inklużi f'dawn il-linji gwida, anki għal ksur imwettaq preċedentement għall-adozzjoni jew l-emenda tal-imsemmija linji gwida, ma jiksirx il-prinċipju ta' nonretroattività peress li dawn il-linji gwida ġodda u dan il-metodu kienu raġonevolment prevedibbli fil-mument ta' twettiq tal-ksur inkwistjoni (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 217, 218, u 227 sa 232; tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, EU:C:2006:328, punt 25, tat-18 ta' Lulju 2013, Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni, C-501/11 P, EU:C:2013:522, punt 75, tal-14 ta' Settembru 2016, Ori Martin vs Il-Kummissjoni, C-490/15 P, u C-505/15 P, mhux ippubblikati, EU:C:2016:678, punti 82 sa 94).

43 Peress li sostniet, fil-punt 90 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' nonretroattività meta applikat il-Linji gwida tal-2006 sabiex tikkalkola l-multa li tissanzjona l-ksur imwettaq mil l-appellanti qabel l-adozzjoni tagħhom, il-Qorti Ġenerali, għalhekk, ma wettqet ebda żball ta' liġi.

44 Minn dan isegwi li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq il-ħames aggravju, dwar l-iżbalji mwettqa matul il-kalkolu tal-ammont tal-multa

L-argumenti tal-partijiet

45 Permezz tal-ħames aggravju tagħha, li fih tliet partijiet, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi matul il-kalkolu tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha.

46 Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni, fl-ewwel lok, li, wara li kkunsidrat, fil-punti 165 sa 168 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha l-obbligu, fl-istadju tal-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti, li tieħu inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-portata ġeografika tal-ksur kienet testendi għat-territorji ta' żewġ Stati Membri, u mhux sitt Stati Membri, il-Qorti Ġenerali setgħet, fil-punti 249 u 250 tas-sentenza appellata, l-istess koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" tuża biss iffissati mill-Kummissjoni fid- deċiżjoni kkontestata u dawk applikati għal membri oħra ta' dan l-akkordju li pparteċipaw għall-ksur fi tliet sa sitt Stati Membri. Fil-fatt, billi għamlet dan, il-Qorti Ġenerali ma individwalizzatx finalment il-pieni imposti fuq l-impriżi inkwistjoni.

47 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 249 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' evalwazzjoni billi ħadet inkunsiderazzjoni tal-ksur fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-gravità tagħha, għalkemm kienet aċċettat li tieħu inkunsiderazzjoni l-gravità u t-tul tal-ksur b'mod distint. Billi għamlet hekk il-Qorti Ġenerali tat importanza eċċessiva lill-kriterju tat-tul tal-ksur.

48 Fit-tielet lok, l-elementi li ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa imposta ma jidhrux fis-sentenza appellata, jipprekludu kwalunkwe kontroll fuq dan l-ammont, b'tali mod li s-sentenza appellata tkun ivvizzjata b'difett ta' motivazzjoni.

49 Permezz tat-tieni parti tal-ħames aggravju, l-appellanti tilmenta lill-Qorti Ġenerali ma rrilevatx diversi żbalji ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni u li ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċerti elementi fl-iffissar tal-ammont tal-multa, fosthom il-fatt li l-prodotti tal-appellanti li kienu s-suġġett tal-ksur jaqgħu taħt wieħed biss mit-tliet gruppi ta' prodotti kkonċernati mill-ftehimiet inkwistjoni. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kellha l-obbligu, fil-punti 168 sa 179 tas-sentenza appellata, li tieħu inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-intensità ta' ksur tkun inqas meta l-impriża tkun ipparteċipat fih biss għal prodotti li jaqgħu taħt wieħed biss mit-tliet gruppi kkonċernati. Barra dan, il-konstatazzjoni fil-punt 114 tas-sentenza appellata, skont liema l-appellanti kkontestat tardivament li kienet taf bil-fatt li l-ksur kien jirrigwarda tliet gruppi ta' prodotti, ma kinitx eżatta.

50 Permezz tat-tielet parti tal-imsemmi aggravju, li jirrigwarda l-punti 192 sa 200 tas-sentenza appellata, l-appellanti tikkritika li l-Qorti Ġenerali, kuntrarjament għal dak li jeżiġu l-Linji gwida tal-1998, ma ħaditx inkunsiderazzjoni tal-fatt li hija ma kellhiex rwol emulattiv fit-twettiq tal-ksur.

51 Il-Kummissjoni tikkontesta l-fondatezza tal-ħames aggravju.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

52 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE jikkonsisti fi stħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet stabbilita fl-Artikolu 263 TFUE, li tista' tiġi kkompletata b'applikazzjoni tal-Artikolu 261 TFUE u fuq talba tar-rikorrenti, permezz tal-eżerċizzju mill-Qorti Ġenerali ta' ġurisdizzjoni sħiħa f'dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet imposti f'dan il-qasam il-Kummissjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 42, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 71).

53 Il-portata ta' din il-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali hija strettament limitata, b'differenza tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa. Hija tirrigwarda biss l-evalwazzjoni minnha tal-multa imposta mill-Kummissjoni, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe emenda tal-elementi kostituttivi tal-ksur legalment ikkonstatat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni li ġiet għal konjizzjoni tal-Qorti Ġenerali (ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punti 76 u 77).

54 Ukoll, il-ħames aggravju, sa fejn dan jirrigwarda l-iżbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali wettqet matul il-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta fuq l-appellanti, jirrigwarda l-eżerċizzju, minnha, tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha għad-determinazzjoni ta' din il-multa, b'mod partikolari fil-punti 244 sa 251 tas-sentenza appellata.

– Fuq it-tieni u t-tielet partijiet tal-ħames aggravju

55 Fir-rigward tat-tieni u t-tielet partijiet tal-ħames aggravju, li għandhom jiġu eżaminati fl-ewwel lok u li permezz tagħhom l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-ammont tal-multa, iċ-ċirkustanzi skont liema hija ma pparteċipatx għall-ksur li għall-prodotti li jaqgħu taħt wieħed biss mit-tliet gruppi ta' prodotti inkwistjoni u li ma kellhiex rwol emulattiv fit-twettiq tagħha, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari fil-punti 114, 169 sa 173 u 192 sa 200 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-appellanti ibbażati fuq dawn iċ-ċirkustanzi.

56 Minn dan isegwi li ma jistax jiġi lmentat lill-Qorti Ġenerali li ma evalwatx l-imsemmija ċirkustanzi meta hija, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, iddeterminat l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta.

57 Fi kwalunkwe każ, sa fejn il-ħames aggravju, meħud fit-tieni u t-tielet partijiet tiegħu, jirrigwarda l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata twassal għaċ-ċaħda tal-argument tal-appellanti li tirrigwarda l-istess ċirkustanzi, ma jistax jiġi aċċettat.

58 Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-argument żviluppat fil-kuntest tat-tieni parti ta' dan l-aggravju bbażat fuq l-iżball ta' evalwazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet fir-rigward tal-grupp ta' prodotti li magħhom huwa relatat il-ksur allegatament imwettaq mill-appellanti, għandu jiġi rrilevat, kif esponiet il-Qorti Ġenerali fl-punt 51 tas-sentenza appellata, konformement mal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tas-sentenza appellata, is-suġġett tat-tilwima u l-espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati jikkostitwixxu żewġ indikazzjonijiet essenzjali li għandhom jiġu inklużi fir-rikors promotur u li, skont l-Artikolu 48(2) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, ebda motivi ġodda ma jistgħu jiġu ppreżentati fil-mori tal-kawża sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' fatt u ta' liġi li joħorġu matul il-proċedura. (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 2009, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-564/08 P,

mhux ippubblikata, EU:C:2009:703, punt 21, u tat-3 ta' April 2014, Franza vs Il-Kummissjoni, C-559/12 P, EU:C:2014:217, punt 38). Madankollu, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fir-replika tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellanti ma kkontestatx li kienet taf bil-fatt li l-ksur kien jirrigwarda t-tliet sottogruppi ta' prodotti u li dan l-argument ma jikkostitwixxix twessiegħ ta' ilment fformulat fir-rikors tal-ewwel istanza. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ġustament ċaħditu bħala tardiv fil-punti 53, 54, 114 u 171 tas-sentenza appellata.

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti ma tistax isostni tali argument fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

60 Sa fejn, permezz tat-tieni parti tal-ħames aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-attività tagħha kienet limitata għal wieħed biss tat-tliet sotto-grupp ta' prodotti, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ħadet dan il-fatt inkunsiderazzjoni. Għalhekk, fil-punt 154 tas-sentenza appellata, din tal-aħħar esponiet li dan il-fatt kien ittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni matul id-determinazzjoni tal-ammont tal-valur tal-bejgħ li serva bħala bażi għall-kalkolu tal-multa.

61 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ħames aggravju tal-appell hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

62 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment imqajjem fil-kuntest tat- tielet parti ta' dan l-aggravju, skont liema l-Qorti Ġenerali ma ġibditx il-konklużjonijiet tar-rwol esklużivament emulattiv li hija kellha matul l-iffissar tal-multa imposta, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment huwa bbażat fuq il-premessa li huma l-Linji gwida tal-1998 u mhux dawk tal-2006 li għandhom jiġu applikati f'dan il-każ. Madankollu, peress li l-Kummissjoni f'dan il-każ applikat il-Linji gwida tal-2006, li fuqhom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tispira ruħha fil-punt 246 tas-sentenza appellata, u dawn ma jipprevedux li jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol esklużivament passiv jew emulattiv fit-twettiq tal-ksur issanzjonat, l-imsemmi lment għandu jiġi miċħud.

63 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ġustament, fil-punt 194 tas-sentenza appellata, li r-rwol esklużivament passiv jew emulattiv ta' impriża ma jikkostitwixxix iktar ċirkustanza attenwanti skont l-imsemmija linji gwida, u kkonstatat fil-punt 197 ta' din is-sentenza, li, fid-dawl tat-tielet inċiż tal-punt 29, tal-istess linji gwida, sabiex tibbenefika miċ-ċirkustanzi attenwanti, l-appellanti kellha l-obbligu li tipprova li hija kienet eskludiet lilha nnifisha mill-applikazzjoni tal-ftehim li jikkostitwixxi ksur, iżda hija ma għamlitx dan.

64 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tielet parti tal-ħames aggravju hija infondata.

– Fuq l-ewwel parti tal-ħames motiv

65 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-argumenti tal-appellanti bbażati fuq żbalji ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali li jirrigwardaw b'mod partikolari il-portata ġeografika tal-ksur meta hija tkun iddeterminat, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, l-ammont tal-multa, għandu jitfakkar, qabelxejn, li l-Qorti Ġenerali biss hija kompetenti sabiex tistħarreġ il-mod li bih il-Kummissjoni evalwat f'kull każ partikolari l-gravità tal-aġir illegali. Fil-kuntest tal-appell, l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu bħala għan, minn naħa, li jeżamina sa fejn il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod legalment korrett, il-fatturi kollha essenzjali sabiex tevalwa l-gravità ta' aġir iddeterminat fid-dawl tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 23 t-Regolament Nru 1/2003 u, minn naħa l-oħra, li tivverifika jekk il-Qorti Ġenerali rrispondietx b'mod legalment suffiċjenti għall-argumenti kollha invokati insostenn tat-talba għat-tħassir tal-multa jew ta' tnaqqis tal-ammont tagħha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 128; tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P,

C-202/02 P, C-205/02 P s C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 244, kif ukoll tal-5 ta' Diċembru 2013, Solvay Solexis vs Il-Kummissjoni, C-449/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:802, punt 74).

66 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li meta hija tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjonijiet ta' liġi fil-kuntest ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax, għal raġunijiet ta' ekwità, tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali b'tagħha, billi tiddeċiedi, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, dwar l-ammont tal-multi imposti fuq impriżi minħabba l-ksur, minnhom, tad-dritt tal-Unjoni (is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 245, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2013, Gosselin Group vs Il-Kummissjoni, C-429/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:463, punt 87).

67 Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-determinazzjoni tal-ammonti tal-multi, huwa neċessarju li jiġi kkunsidrat it-tul tal-ksur u l-elementi kollha ta' natura li jaqgħu fl-evalwazzjoni tal-gravità ta' dan il-ksur, (is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 240, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 98).

68 Fost l-elementi ta' natura li jagħmlu parti mill-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, jinsabu l-aġir ta' kull waħda mill-impriżi, ir-rwol li kellha kull waħda minnhom fl-istabbiliment tal-akkordju, il-vantaġġ li dawn setgħu siltu minnu, id-daqs tagħhom u l-valur tal-merkanzija kkonċernata, kif ukoll ir-riskju li ksur ta' dan it-tip jirrappreżenta għall-għanijiet tal-Unjoni Ewropea (is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 242, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 100).

69 F'dan il-każ, fir-rigward tal-applikazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" identiċi għall-dawk iffissati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, bir-rata ta' 15 % kull wieħed, minkejja li l-Qorti Ġenerali kienet sostniet li l-portata ġeografika tal-ksur kienet testendi għal żewġ u mhux għal sitt Stati Membri, għandu jiġi rrilevat li, wara li kkonstatat, fil-punti 156 sa 168 tas-sentenza appellata, l-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni ta' din il-portata ġeografika, il-Qorti Ġenerali evalwat, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 242 u 244 sa 251 ta' din is-sentenza, il-konsegwenzi li għandhom jinġibdu mill-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa imposta.

70 L-ewwel nett, fil-punt 246 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li kien xieraq, f'dan il-każ, li tispira ruħha mil-Linji gwida tal-2006 sabiex tikkalkola l-ammont tal-multa mill-ġdid.

71 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 247 ta' din is-sentenza, ikkunsidrat li l-iżbalji ta' evalwazzjoni li twettqu mill-Kummissjoni, li kienu fil-fatt li din tal-aħħar kienet iffissat għal 15 % il-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" billi bbażat ruħha fuq portata ġeografika tal-ksur li tkopri t-territorju ta' sitt Stati Membri, li jeħtieġu biss li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-iffissar ta' dawn il-koeffiċjenti, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-portata ġeografika tal-ksur, li għandha tiġi limitata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri. Fid-dawl tal-punti 57 sa 64 ta' din is-sentenza, ġustament il-Qorti Ġenerali, għal dan il-għan, min-naħa l-oħra, ma ħaditx inkunsiderazzjoni tal-allegazzjoni tal-appellanti skont liema l-ksur jirrigwarda biss wieħed minn tliet sotto-grupp ta' prodotti u tar-rwol emulattiv tal-appellanti.

72 Madankollu, sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-multa imposta, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 248 tas-sentenza appellata, ikkunsidrat li huwa ġust, li fl-Artikolu 1(2) u fil-premessi 872 u 873 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-appellanti pparteċipat, bejn is-

6 ta' Marzu 1998 u d-9 ta' Novembru 2004, għal ksur uniku u kontinwu, li kien jikkonsisti f'akkordju sigriet intiż li jikkoordina ż-żidiet fil-prezzijiet futuri tat-tliet sotto-gruppi ta' prodotti inkwistjoni, fit-territorji tal-Ġermanja u tal-Awstrija.

73 Fl-aħħar nett, fil-punt 249 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, fid-dawl mhux biss tan-natura stess tal-ksur, iżda wkoll għall-portata ġeografika li testendi għat-territorju ta' żewġ Stati Membri u d-dewmien tat-tul tiegħu, ikkonstatat li kien fost l-iktar gravi u kkunsidrat li, inkunsiderazzjoni tal-punt 23 tal-Linji gwida tal-2006, għal tali ksur, proporzjon tal-valur tal-bejgħ ta' 15 % jikkorrispondi għall-minimu.

74 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 250 tas-sentenza appellata, li huwa xieraq, skont il-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuq l-appellanti, li jiġi ffissat għal 15 % kull wieħed mill-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali".

75 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-portata ġeografika tal-ksur jestendi biss għal żewġ Stati Membri u mhux għal sitta. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li, minkejja din il-portata ġeografika iktar limitata, rata ta' 15 % kienet xierqa fid-dawl b'mod partikolari tan-natura tal-ksur. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, inkunsiderazzjoni tal-punt 23 tal-Linji gwida tal-2006, li minnhom il-Qorti Ġenerali f'dan il-każ iddeċidiet li tispira ruħha, il-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" ta' rata ta' 15 % jistgħu jiġu ġġustifikati fir-rigward biss tan-natura tal-ksur inkwistjoni, peress li dan huwa meqjus, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali, fost ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni l-iktar gravi fis-sens tal-imsemmi punt 23 tal-Linji gwida tal-2006 u li tali rata tikkorrispondi għar-rata l-iktar baxxa tal-iskala tas-sanzjonijiet previsti għal tali ksur skont dawn il-linji gwida (f'dan l-aħħar rigward, ara f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punti 124 u 125, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 125). Għaldaqstant, huwa żbaljat li l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-portata ġeografika tal-ksur fid-determinazzjoni tal-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" u li ffissa dawn il-koeffiċjenti għal 15 %.

76 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata minħabba li din ir-rata tkun identika għal dik ffissata għal impriżi oħra li pparteċipaw fil-ksur fuq medda ġeografika ikbar minn dik invokata mill-appellanti, fatt li huwa, skont din tal-aħħar, kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

77 F'dan ir-rigward, fil-fatt għandu jitfakkar li dan il-prinċipju jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit mill-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dan il-prinċipju jeżiġi li sitwazzjonijiet simili ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali sakemm trattament bħal dan ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 51).

78 L-osservanza tal-imsemmi prinċipju huwa impost, b'mod partikolari, fuq il-Qorti Ġenerali mhux biss fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-istħarriġ tagħha tal-legalità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multi, iżda wkoll fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Fil-fatt, l-eżerċizzju ta' tali kompetenza ma jistax iwassal, waqt id-determinazzjoni tal-ammont tal-multi li huma imposti fuqhom, għal diskriminazzjoni bejn l-impriżi li pparteċipaw fi ftehim jew fi prattika miftiehma kuntrarji għall-Artikolu 101(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Parker Hannifin Manufacturing u Parker-Hannifin, C-434/13 P, EU:C:2014:2456, punt 77).

79 Madankollu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-teħid inkunsiderazzjoni, skont dan l-istess prinċipju, ta' differenzi bejn l-impriżi li pparteċipaw fl-istess akkordju, b'mod partikolari fir-rigward tal-medda ġeografika tal-parteċipazzjonijiet rispettivi tagħhom, ma għandhiex

neċessarjament isseħħ matul l-iffissar tal-koeffiċjenti “gravità tal-ksur” u “ammont addizzjonali”, iżda tista’ sseħħ matul stadju ieħor tal-kalkolu tal-multa, bħal matul l-aġġustament tal-ammont bażiku skont iċ-ċirkustanzi attenwanti u aggravanti, skont il-punti 28 u 29 tal-Linji gwida tal-2006 (ara f’dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta’ Lulju 2013, Gosselin Group vs Il-Kummissjoni, C-429/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:463, punti 96 sa 100, kif ukoll tal-11 ta’ Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punti 104 u 105).

80 Kif il-Kummissjoni osservat, dawn id-differenzi jistgħu jidhru wkoll mill-valur tal-bejgħ użat biex jiġi kkalkolat l-ammont bażiku tal-multa peress li dan il-valur jirrifletti, għal kull impriża parteċipanti, id-daqs tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur inkwistjoni, konformement mal-punt 13 tal-linji gwida tal-2006 li jippermetti li jittieħed bħala punt ta’ tluq għall-kalkolu tal-multi l-ammont li jirrifletti d-daqs ekonomiku tal-ksur u r-responsabbiltà tal-impriża fih (ara f’dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta’ Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 76).

81 Konsegwentement, sa fejn huwa stabbilit li l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq l-appellanti ġiet iddeterminata skont il-valur tal-bejgħ imwettaq mill-appellanti, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 250 tas-sentenza appellata, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament, kienet setgħet tiffissa għal 15 % ta’ dan il-valur ir-rata tal-koeffiċjenti “gravità tal-ksur” u “ammont addizzjonali”.

82 F’dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljat, fil-punt 249 tas-sentenza appellata, meta evalwat il-gravità tal-ksur fir-rigward tat-tul tal-parteċipazzjoni tal-appellanti, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet magħmula fil-punt 75 ta’ din is-sentenza, għandu jiġi miċħuda bħala ineffettiv.

83 Fi kwalunkwe każ, ma jistax jiġi dedott mill-fatt li l-Qorti Ġenerali evokat fl-imsemmi punt, li fost kriterji oħra bħal dawk tan-natura tal-ksur inkwistjoni, it-tul tiegħu li din il-qorti b’hekk attribwit importanza eċċessiva lil dan il-kriterju tal-aħħar.

84 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-ilment ta’ nuqqas ta’ motivazzjoni, għandu jitfakkar li l-obbligu ta’ motivazzjoni tas-sentenzi, li huwa impost fuq il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-Qorti Ġenerali skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess Statut, u l-Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tas-sentenza appellata, jimponi fuqha li turi b’mod ċar u inekwivoku r-raġunament tagħha, b’tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta’ Settembru 2013, Alliance One International vs Il-Kummissjoni, C-679/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:606, punt 98, kif ukoll tat-28 ta’ Jannar 2016, Quimitécnica.com u de Mello vs Il-Kummissjoni, C-415/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:58, punt 56).

85 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, il-Qorti Ġenerali hija obbligata li tosserva dan l-obbligu fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha (ara f’dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta’ Diċembru 2014, Il-Kummissjoni vs Parker Hannifin Manufacturing et Parker-Hannifin, C-434/13 P, EU:C:2014:2456, punt 77).

86 Skont ġurisprudenza stabbilita dan l-obbligu ta’ motivazzjoni ma jimponix, madankollu, fuq il-Qorti Ġenerali sabiex din tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b’mod eżawrjenti kull wieħed l-argumenti kollha mressqa mill-partijiet fil-kawża. Il-motivazzjoni tista’ għaldaqstant tkun impliċita bil-kundizzjoni li hija tippermetti lil dawk ikkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li għalihom ittieħdu l-miżuri inkwistjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (ara f’dan is-sens, b’mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta’ April 2009, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni, C-431/07 P, EU:C:2009:223, punt 42, kif ukoll tat-22 ta’ Mejju 2014, Armando Álvarez vs Il-Kummissjoni, C-36/12 P, EU:C:2014:349, punt 31).

87 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li, b'risposta għall-argumenti l-appellanti għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta, il-Qorti Ġenerali ddikjarat, minn naħa, fl-punti 245 sa 251 tas-sentenza appellata, fuq il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-ammont tal-multa u, minn naħa l-oħra, fil-punti 252 sa 259 ta' din is-sentenza, fuq l-argumenti addizzjonali mressqa mill-appellanti insostenn ta' tnaqqis tal-multa, qabel ma tikkonkludi, billi teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, fil-punt 260 tal-imsemmija sentenza, li għandu jiġi ffissat l-ammont tal-multa f'ammont identiku għal dak użat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-appellanti, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 249 tas-sentenza appellata, telenka il-fatturi li ħadet inkunsiderazzjoni bil-għan li jiġu ddeterminati l-koeffiċjenti "gravità tal-ksur" u "ammont addizzjonali" u spjegat li, skont il-punt 23 tal-Linji gwida tal-2006 u fid-dawl tal-iskala ta' 0 %sa 30 % prevista minnhom, il-ksur inkwistjoni, li huwa fost l-iktar gravi, jiġġustifika l-applikazzjoni ta' rata ta' 15 %.

88 Billi tagħmel dan, il-Qorti Ġenerali spjegat ir-raġunijiet li wassluha tuża din ir-rata u konsegwentement, l tiffissa multa fl-ammont speċifikat fil-punt 251 tas-sentenza appellata.

89 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument tal-appellanti bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza appellata għandu jiġi miċħud.

90 Konsegwentement, peress li l-ebda wieħed mill-argumenti mqajma insostenn tal-ewwel parti tal-ħames aggravju ma rnexxa, għandu jiġi kkunsidrat li din il-parti hija infondata.

91 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li l-ħames aggravju jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq is-sitt aggravju, ibbażat fuq tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali

L-argumenti tal-partijiet

92 Permezz tas-sitt aggravju tagħha, l-appellanti tinvoka ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu tagħha li tiddeċiedi l-kawżi li jitressqu quddiemha fi żmien raġonevoli. Hija tosserva li l-proċedura quddiemha nbdiet fit-8 ta' Settembru 2010 u ntemmet iktar minn tliet snin iktar tard, jiġifieri fis-16 ta' Settembru 2013, data li fiha ingħatat is-sentenza appellata. Dan it-terminu, fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti u fid-dawl taċ-ċirkustanzi nfushom tal-kawża, huwa partikolarment twil u eċċessiv.

93 Il-Kummissjoni kkunsidrat li, anki jekk jiġi preżunt li t-tul tal-proċedura ma kienx raġonevoli, dan l-aggravju ma jistax jiġi aċċettat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

94 Sa fejn l-appellanti, permezz tas-sitt aggravju tagħha, titlob, fl-ewwel lok, l-annullament tas-sentenza appellata minħabba tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jiġi rrilevat li, fl-assenza ta' kwalunkwe indizju skont liema tali tul kien jaffettwa s-soluzzjoni tal-kawża, in-nuqqas ta' osservanza ta' terminu ta' deċiżjoni raġonevoli ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Fil-fatt, fl-assenza ta' effett fuq is-soluzzjoni tal-kawża tan-nuqqas ta' osservanza ta' terminu ta' deċiżjoni raġonevoli, l-annullament tas-sentenza appellata ma tirrimedjax il-ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva (is-sentenzi tas-26 ta' Novembru 2013, Gascogne Sack Deutschland vs Il-Kummissjoni, C-40/12 P, EU:C:2013:768, punti 81 u 82 ; tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12 P, EU:C:2013:771, punti 82 u 83, kif ukoll tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 64).

95 Fil-kawża ineżami, l-appellanti ma pprovdiet lill-Qorti tal-Ġustizzja ebda indizju ta' natura li jindika li tul eċċessiv tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali seta' kellu impatt fuq l-eżitu tal-kawża li tressqet quddiem din tal-aħħar.

96 Minn dan isegwi li s-sitt aggravju invokat insostenn tal-appell ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata fl-intier tagħha

97 Sa fejn l-appellanti tinvoka, permezz tas-sitt aggravju, fit-tieni lok u sussidjarjament, tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha, għandu jitfakkar li ksur, minn qorti tal-Unjoni, tal-obbligu tagħha li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li tiddeċiedi l-kawżi li jitressqu quddiemha f'terminu raġonevoli għandu jiġi ssanzjonat permezz ta' rikors għad-danni ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li tali rikors jikkostitwixxi rimedju effettiv. Għalhekk, talba intiża sabiex tikseb kumpens għad-dannu kkawżat min-nuqqas ta' osservanza, mill-Qorti Ġenerali, ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza ma tistax tiġi sottomessa direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell, iżda għandha titressaq quddiem il-Qorti Ġenerali nnifisha (is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 66; tad-9 ta' Ottubru 2014, ICF vs Il-Kummissjoni, C-467/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2274, punt 57, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 55).

98 Il-Qorti Ġenerali, li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 256(1) TFUE, adita b'talba għad-danni, hija obbligata tiddeċiedi dwar tali talba permezz ta' kulleġġ ġudikanti differenti minn dak li jkun ittratta l-kawża li tkun wasslet għall-proċedura li t-tul tagħha jkun qiegħed jiġi kkritikat (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 67; tad-9 ta' Ottubru 2014, ICF vs Il-Kummissjoni, C-467/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2274, punt 58, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 56).

99 Fid-dawl ta' dan, peress li huwa ċar, mingħajr ma huwa neċessarju li l-partijiet jipproduċu provi addizzjonali f'dan ir-rigward, li l-Qorti Ġenerali kisret b'mod suffiċjentement serju l-obbligu tagħha li tiddeċiedi l-kawża f'terminu raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tikkonstata dan il-ksur (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2014, ICF vs Il-Kummissjoni, C-467/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2274, punt 59, kif ukoll tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 57).

100 Madankollu, f'dan il-każ, fid-dawl, b'mod partikolari, tan-natura u tal-grad ta' kumplessità tal-kawża inkwistjoni kif ukoll tan-numru ta' rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjoni kkontestata, ma jidhirx li t-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, ta' madwar tliet snin, kienet manifestament irraġonevoli.

101 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-sitt aggravju għandu jiġi miċħud.

102 Billi ebda wieħed mill-aggravji invokati mill-appellanti ma ntlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

103 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, din tal-aħħar tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

104 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk tkun saret talba f'dan is-sens. Peress li l-appellanti tilfet u l-Kummissjoni talbet li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż relatati ma' dan l-appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Aloys F. Dornbracht GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem